# Dalli

Loreto J. Dalli

Wieħed mill-aktar kunjomijiet komuni fir-raħal tal-Gudja, kien, u bla dubju ta' xejn għadu, il-kunjom Dalli.

Hawnhekk minn riċerka li għamilna nsibu li fl-1420 kien diġà jeżisti fir-raħal ta' Bir Miftuħ, kif ukoll f'Bir Sqallin, fiż-Żejtun.

Il-kunjom Dalli nxtered madwar kważi d-dinja kollha permezz tal-emigrazzjoni b'mod speċjali minn Malta lejn l-Afrika ta' fuq u lejn Franza. Dan seħħ għall-ewwel nofs tas-seklu dsatax u nsibuh miktub f'modi differenti. Bħal:- Dally, Dalle, Dallo u oħrajn.

Huma diversi r-raġunjiet għaliex dan il-kunjom jinkiteb differenti, per eżempju fl-Iskozja nsibuh miktub Dally, ir-raġuni kienet sabiex ma jurux l-identità tagħhom għal skop ta' mpjieg (għax insara). Dan seħħ f'nofs is-seklu dsatax, fi Glasgow (madwar l-1856).


Din tinsab fil-Knisja Parrokkjali tal-Gudja

Fl-istess żmien insibu li l-kunjom Dalli daħal ukoll f'Ġibiltà, u ta' min jinnota li kemm dak tal-Iskozja u kemm dak ta' Ġibiltà ħarġu mill-parroċċa ta' San Duminku tal-Belt. Il-komunità bil-kunjom Dalli, kemm fl- Iskozja u kemm f'Ġibiltà huma magħqudin ħafna bejniethom.

Issa hawn ta' min jgħid li għal nofs is-sittinjiet ġewwa l-Gudja, kien hemm bejn 28 sa 31 fil-mija tal-popolazzjoni tar-raħal li kellha dan il-kunjom.

F'Malta, il-kunjom Dalli, insibuh f'diversi postijiet, li huma:

Ħ'Attard, Balzan, Il-Belt, B'Kara, Bormla, Fgura, Furjana, Għaxaq, Gżira, Ħamrun, L-Iklin, Kirkop, Lija, Luqa, Marsa, Marsaxlokk, Mosta, Msida, Nadur, Naxxar, Qormi, Raħal il-Ġdid, Rabat, Safi, San Ġwann, San Ġiljan, San Pawl-il-Baħar, Santa Luċija, Sliema, Swieqi, Siġġiewi, Tarxien, Xgħajra, Żabbar, Żebbuġ, Żejtun u Żurrieq.

Dawn l-irħula jew bliet Maltin għandhom konnessjoni mal-Gudjani f'xi forma jew oħra, mill-qrib jew mill-bogħod mal-familji Gudjani. L-aktar qawwija huma taż-Żejtun, ta' Ħaż-Żabbar, tal-Belt u dawk ta' San Ġiljan.

Biss iż-Żejtun dejjem kellu ammont kbir ta' nies b'dan il-kunjom, ma ninsewx li ż-Żejtun huwa raħal qadim.

Fejn insibu l-kunjom Dalli fl-irkejjen tad-dinja:-

Lebanon ( Bierut, Bekka), Marokk, Ġibiltà, Westchester N/Y, Tunisia, Como (Italja), Awstralja, California, Salford, Butler (Ohio), Skozja, Manchester, Londra, Istanbul (Turkija), Hudson (N. Jersey), Marino (Italja), Honolulu (Hawaii), Liverpool, Porto-Spanja, Philadelphia (Amerka), Valera (Venezuela), Kuba, Nazareth (Iżrael), Greċja, Kosta tal-Ivorju, Palermo, Santiago (Chili), Szeded (Ungerija), Mayo (Irlanda), Qatar, Argentina, Kanada, Sacramento u Colorado (Amerka), Guadalajara u Jalisco (Messiku), Perù, Nice (Franza), Belgium.

Issa naraw diversi forom ta' Dalli bħal:-

Dalleo, Daleo, Dalleh, Dally, De Dalli, Dalli Canni, Dalli Cardillo, Dalli Paolli, DalleAbrew, De Aguinage/a Dalli, Dalli Blonde jew Blondo, Detalli, Dalli Monteleone, Dalli Villani, u Dalli Palacious.

Jekk nagħtu ħarsa fir-reġistru tal-knisja Franċiża, fejn insibu lill-kunjom Dalli bħala Dahle, Dalle(y) jew Dallay. Fi Franza l-ewwel Dalli nsibuh fi żmien il-Medjevali. Każ ta' magħmudija ta' Marie, bint Duminku Dalli li kien sar fil-Bagneux, Meurthe-et-Moselle, Franza, fl-4 ta' Frar 1718, ħafna warajna. Din il-familja kienet toqgħod fejn illum hemm Av. Jean Jaures. Każ ieħor taż-żwieġ sar fil-21 ta' Frar ta' 1735 li seħħ bejn Françoise Dalli u Noel Petit, li sar fl-istess post, ġo Franza. Hemm min jgħid li Dalli hu ta' oriġinu Ġermaniż Medjevali. Jien naqbel ma' din it-teżi, għax aħna kulma morna lura wara dan il-perjodu kien b'għoxrin sena, f'1420.

Fir-rekords tal-Gran Brittanja (Skozja, Wales, Irlanda ta' fuq u l-Ingilterra) ta' bejn l-1538 u l-1837 insibu 15 'il miljun twelid tal-kunjom Dalli. Hawn wieħed jinnota numru sostanzjali għalkemm fuq medda ta' tliet mitt sena.

F'ċerti postijiet il-kunjom, Dalli daħal fil-seklu għoxrin bħalma se naraw:-

Kuba ---1904, Philadelphia---1927, New Jersey---1929, Cap May( N. Jersey)---1930, Monroe N.Y.---1930

Dawn kollha huma f'xi stat Amerikan.

Meta wieħed ifittex fl-arkivji tad-dipartment militari Amerikani rigward dawk ta' suldati veterani tal-gwerra, isib il-kunjom Dalli. F'din l-arkivju nsibu li huwa magħmul fuq firxa ta' bejn 1850 sal 2010.

Eżempji:-

Insibu lil Sebastian Dalli li serva fl-armata, u miet fis-sena 2001,

Duminku Dalli li serva fl-armata, u miet fl-1990,

Frangisku Dalli li serva fl-armata, u miet fl-1982.

Dawn dejjem skont ir-reġistru tal-veterani tal-gwerra Amerikani, (civil war collection). li kienu servew fil-bidu tas-seklu għoxrin fl-armata (madwar is-snin 1919-1925).

Barra minn hekk hemm każi kurjużi ta' interess ta' Dallijiet li qasmu għal ġewwa l-Amerka, u dawn insibuhom fir-rekords tal-' Border Crossing' mill-Kanada jew postijiet oħra għall-USA li daħlu illegalmemt bejn l-1895- 1954.

Insibu lil Andrew Dalli, Malti, li wasal Port Huron, St. Clair. , Michigan.

Lil Ġużeppi Dalli, Malti ieħor, li telaq minn Franza, u wasal Halifax, Nova Scotia u mar l-Amerka aktar tard.

Insibu ukoll lil Cherubino Dalli, Malti, li wasal ġewwa Buffalo ( New York), viċin Niagara Falls, 1901.

Imma issa ejjew inħarsu lejn nies Maltin fl-Amerika stess, li għamlu isem. Riċentement ħa mmoru ġewwa Westchester (N.Y) u hemm insibu li Joseph Dalli minn Għawdex ( Nadur) li għamel isem għalih u għal-pajjiżu.

Joseph huwa Deputy Executive, Director u Chief Financial Officer, fi ħdan l-Awtorita' tal-Istat ta' New York. Hu daħal f'dan is-servizz fl-età ta' 24 sena, u kien l-iżgħar persuna fl-età li serva f'dan il-livell fis-settur pubbliku. Joseph huwa wkoll Partner f'kumpanija tas-servizzi finanzjarji, *Safe Harbor Management Group*. X'inhu l-iskop ta' *Safe Harbor Management Group*?

• "*Safe Harbor Management Group LLC,* tgħin korporazzjonijiet, fondi ta' ekwità, *hedge funds* u l-kumpaniji ta' assigurazzjoni biex jilħqu l-miri tagħhom billi jutilizzaw pjanar fiskali internazzjonali, b'hekk dawn l-entitajiet jilħqu u jgħaddu iċ-ċifri immirati tagħhom. Aktar importanti minn hekk, *Safe Harbor Management Group* hija l-unika kumpanija fi New York, li b'mod attiv, tagħmel *marketing* privat tal-gżejjer Maltin bħala ġurisdizzjoni finanzjarja. Bl-għajnuna ta' ftehim tas-sħubija ma' aġenziji oħra, *Safe Harbor* jassistu wkoll fis-servizzi finanzjarji fil-Gżejjer Cayman; British Virgin Islands u Hong Kong."




Hawn rajna kif is-Sur Joseph Dalli ta sehmu lil Malta avolja 'il bogħod minn art twelidu, u li huwa persuna ta' ċertu kalibru fl-istat ta' New York (Amerika).

Issa ħa nagħtu ħarsa lejn il-*Family Tree* tiegħu u naraw minn fejn fil-każ tiegħu beda l-kunjom Dalli. Jidher ċar ħafna li l-bidu ta' din il- *Family Tree* kien propju fil-Gudja.



**Joseph Dalli, li rreferiena għal din il- 'family tree'**

Coronato Dalli, min-Nadur, Għawdex, l-aħħar wieħed fil-lista – huwa missier Joseph tagħna,(li miet erba' snin ilu, propju fix-xahar ta' Ġunju 2009.)

Insemmi persuni Maltin li għamlu isem bil-kunjom Dalli, fil-qasam politiku, kif ukoll Arċipriet , Statwarju , Ballerina u Pittur.

<u>Politika</u> – (i) Gianmari Dalli fis-snin ħamsin fuq in-naħa tal-Partit Laburista (Gudja), (ii) Nazzareno Dalli fis-snin ħamsin fuq in-naħa tal-Partit Laburista ( Gudja/ Birżebbuġa), (iii) John Dalli fis-snin sebgħin, bin Ġianmari Dalli, fuq in-naħa tal-Partit Laburista (Gudja), (iv) John Dalli fuq in-naħa tal-Partit Nazzjonalista, u ex Kummissarju tal-Unjoni Ewropeja (2010-13) Qormi, (v) Helena Dalli, illum Ministru għad-Djalogu Soċjali, Affarijiet tal-Konsumatur u l-Libertajiet Ċivili (1966--)

<u>Arcipriet</u> – (vi) Dun Bert Dalli Arċipriet ta' Ħaż-Żebbuġ bejn is-snin (1904-1918 (Gudja).

<u>Statwarju</u> – (vii) Anġlu Dalli, statwarju fil-kartapesta, mhux daqstant magħruf, tal-bidu tas-seklu għoxrin. Għamel l-istatwa tal-Madonna tar- Ruzarju tal- Gudja fis-sena 1922. (Gudja)

<u>Arti</u> – (viii) Larissa Dalli, ballerina ta' fama, li hija ta' nisel Malti. (Gibiltà), (ix) Patrick Dalli, Pittur fix-xogħoljiet ta' Naturalista u Ritrattista (l-aqwa snin 2005 u 2009) Gudja, Charles Dalli li huwa kantant tal-X-Tend (Valletta).

Il-kunjom Dalli ġie f'Malta daqs 600 sena ilu. Numru ta' postijiet fin-nofsinhar ta' Malta, speċjalment il-Gudja u ż-Żejtun, kienu marbuta sew ma' dan il-kunjom. Jidher li hemm assoċjazzjoni qawwija bejn il-kunjom Dalli u l-għażla tal-ewwel isem li kienet issir skont il-post, eż; Fiż-Żejtun Angelo u fil-Gudja Loretu. Il-kunjom huwa magħruf sew f'Malta kif ukoll barra, speċjalment minħabba li n-numru ta' Dalli li kienu MPs inklużi ministri fil-kabinett f'Malta, filwaqt li f'każi oħra kienu negozjanti ta' suċċess fl-Amerika u bnadi oħra.

Huwa ċar kif il-kunjom wasal f'Malta per eżempju permess ta' emigranti probabbilment Kristjani mill-Italja u Sqallija kostanti fuq Melitas. l-isem huwa dokumentat f'Malta mill-1400 'l quddiem. (XV-il seklu) Hemm possibblità ta' rabta ma' post fit-tramuntana Appennini tal-belt ta' Lucca fit-Toscana fl-Italja.

Hemm rabta wkoll kbira ma' Dalli tal-Gudja li huma dixxendenti tal-familja Dalli li jista' jiġi ntraċċat hawn Malta… Il-kunjom huwa magħruf sew fl-Emilia Romagna u postijiet oħra, fin-naħa ta' fuq tal-Italja u fi Sqallija. Kienet teżisti t-tendenza li jsir (double barrel) ma' kunjomijiet oħrajn bħal Dalli Cardillo u oħrajn, anke f'każi oħra fl-Istati Uniti. Iżda l-kunjom Dalli huwa partikolarment f'numru kbir fil-belt Siċiljana ta' Naro, li huwa f'Agrigento. Ir-reġjuni Garfagnana u Lunigiana fit-Toscana, żammew rabta mal-kunjom, inklużi ismijiet bħal Dalli Sopra u Dalli Sotto, anke f'postijiet bħal Villa Minozzo u l-Pietra di Bismantova li jappartjenu għal firxa kbira ta' dan il-kunjom. Il-post maħsub tal-oriġini ta' Dalli huwa minn Modena. (imma xejn konfermat), Ftit Dalli ta' oriġini Taljana u anke Maltin emigraw lejn l-Istati Uniti u postijiet oħra, fiż-żmien tal-għaks fl-Ewropa. Rabta oħra hija mal-Lvant Nofsani: Hemm ukoll, insibu tagħrif tal-familja Dalli fit-Turkija. L-Għarbi żied (al) mal-kunjom Dalli, u għalhekk huwa possibbli li l-isem tal-familja al-Dalli huwa relatat wisq ma' xulxin. Possibilment il-kunjom kien diġà jeżisti fil-gżejjer Maltin matul il-perjodu tal-Musulmani. Individwi Musulmani ta' oriġini Maltija bil-kunjom Dalli ġew reġistrati f'Lucera, l-Italja ftit qabel 1300. Ma tistax tgħid jekk hemmx xi rabta storika fil-livelli kollha bejn l-ismijiet tal-Lvant Nofsani u dawk Taljani jew jekk ix-xebħ fil-forma hux purament aċċidentali. Li hu żgur hu li fis-seklu XV kien diġà jinsab Malta. Hemm numru ta' familji Dalli wkoll fin-naħat tal-Istati Uniti b'għeruq Gudjani kif ser naraw aktar tard.

**Referenzi**

(i) Arkivju tas-Civil War Collection.USA.
(ii) Arkivju tal-Border Crossing USA.
(iii) Arkivju tal-paroċċa Santa Marija, Gudja.
(iv) Dalli fi Franza, u l-Ġermanja.(riċerka)
(v) Joseph Dalli (S.H.M.G) Westchester (NY) USA.
(vi) Mary Lanfranco… Ġenealoġista.
(vii) Biographical Outline… Pat. Dalli.

*Din il-kitba hija togħma ħafifa tal- kunjom Dalli dwar id-dinija…forsi?*